Kulleġġ Santa Margerita

Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2015

| Il-Ħames Sena | Malti Kitba | Ħin: Siegħa u Kwart |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: ______________

| Il-fehim mill-Qari u l-Kitba | Il-Marki |
|---|---|
| Il-marki għat-taqsima | 60 marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |

**Għall-istudent/a:**

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek u kunjomok, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

IL-FEHIM MILL-QARI

A. Aqra dan ir-riklam maħruġ mill-kumpanija teatrali 'Il-Maltin' li qed tippreżenta kummiedja fenomenali għall-familja kollha.



**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq ir-riklam li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

**1.** Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**: (3 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | Nies ta' kull età jistgħu jattendu għal din il-kummiedja. | |
| b. | Il-ħames persuni msemmija biss se jieħdu sehem fil-kummiedja. | |
| ċ. | Minn dan ir-riklam, il-pubbliku jaf il-prezz tal-biljett. | |

**2.** Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa. (2 marki)

a. Il-karattru prinċipali tal-kummiedja huwa

| | |
|---|---|
| Samir | |
| Sampson | |
| Samuel | |

b. Il-post fejn se ssir il-kummiedja jinsab

| | |
|---|---|
| il-Furjana | |
| il-Belt | |
| il-Ħamrun | |

**3.** Kemm –il darba se ssir il-kummiedja "Samuel irranġat għall-frisk!"? (marka)

______________________________________________

**4.** Taħseb li Samwel ġratlu xi ħaġa kbira? Kif taf? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

**5.** Kompli s-sentenza bil-kliem it-tajjeb. (2 marki)

Biex tibbukja post fl-Istitut Kattoliku, il-pubbliku għandu ____________________

______________________________________________.

Min jattendi għal din il-kummiedja se jirċievi ħafna ____________________

______________________________________________.

**B. Aqra l-istorja dwar il-Ħajja fil-Pjazza.**

Kont ili ma ninżel sal-pjazza. Bejn għax ma kienx ikolli aptit u bejn għax kont xbajt dejjem nara l-istess uċuh. Iżda l-Ħadd li għadda kien differenti. Kelli aptit nerġa' ngħaddi s'hemm. Bgħatt messaġġ lil sieħbi biex nara jridx jiġi miegħi u ma domtx nistenna wisq sakemm irċevejt messaġġ lura minn għandu. (par. 1)

Il-ħabib tiegħi aċċetta l-istedina u għalhekk qbadt iċ-ċwievet tal-karozza, għaddejt għali**h** u soqna lejn il-pjazza. X'ħin wasalna mill-ewwel intbaħt li kont għamilt żball li erġajt ersaqt 'l hemm. L-istess uċuh li kont nara qabel kienu hemm. Sieħbi ra l-**bixra ta' wiċċi** u mill-ewwel intebaħ li kont diġà xbajt. (par. 2)

"Għadna kemm wasalna u diġa trid titlaq! Ejja nibqgħu ftit ieħor," qalli sieħbi b'nofs daħka filwaqt li ħeġġiġni mmorru npoġġu ħdejn
l-oħrajn biex ngħidu kelma. (par. 3)



Kollha kienu aljenati jagħmlu xi ħaġa u għall- bidu lanqas biss taw kasna. Stefan tilef ċurkett u kien qed ifittxu, Jake raqad u Robert ħasel il-bankina bl-ilma li kien qiegħed jixrob. Stefan intebaħ bina l-ewwel u dlonk talabna biex ngħinuh isib iċ-ċurkett. Jake bexxaq ftit għajnejh filwaqt li gedwed xi ħaġa u niżżel l-pizz tal-beritta għal quddiem wiċċu biex jinħeba mir-raġġi sħan tax-xemx li sa dak il-ħin kienet qabdet tiżreġ ġmiel**ha**. Robert għolla l-flixkun tal-ilma lejna u niżżel żewġ boqqiet oħra minnu. (par. 4)

Jien u sieħbi ħarisna lejn xulxin iżda ma lissinniex kelma. Il-ħajja fil-pjazza kienet għadha l-istess bħal ma kont ħallejtha. Issa kont aktar ċert minn qabel mill-iżball li għamilt x'ħin fettilli nerġa' ndaħħal f'moħħi li nerġa' ninżel nqatta' ftit ħin wara nofsinhar il-pjazza. It-tnejn li aħna ma konniex nafu kif stajna naqbdu u nwarrbu minn ħdejhom. Ħassejt **fawra f'rasi** u ridt naħrab kemm jista' jkun malajr minn hemm. (par. 5)

Sieħbi poġġa bilqiegħda fuq il-bank maġenb Jake u Robert filwaqt li jien kont għadni mitluf naħseb bejni u bejn ruħi f'xi skuża tajba. Ħarist lejn il-bank ta' maġenbna u nara lil Stefan miexi fuq irkubbtejh jittawwal taħtu bit-tama li jsib iċ-ċurkett li tant kellu għal qalbu. Robert daħħal idejh fil-but u laqqat ftit ċenteżmi milli kien għad baqagħlu u filwaqt li beda jgħodd**hom** qam u telaq jimxi lejn il-ħanut tat-te' ta' Indri bil-flixkun tal-ilma vojt f'idejh. Jake, b'rasu tegħlbu lura, ħasel ħa jaqbad jonħor. (par. 6)

Jien u sieħbi erġajna ħarisna lejn xulxin filwaqt li għaddielna l-istess ħsieb minn moħħna, għalhekk qbadtu minn driegħu u qajjimtu minn fuq il-bank, ġebbittu lejn il-karozza u soqna ‘l hemm, b’wegħda li fil-pjazza ma nerġgħux immorru. (par. 7)

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-istorja li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

**1.** X'reġa' kellu aptit jagħmel il-kittieb tal-istorja l-Ħadd li għadda? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

**2.** F’liema parti tar-raħal ġrat l-istorja? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

**3.** Ikteb jekk hux ‘**Veru’** jew ‘**Falz’** (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | In-narratur niżel il-pjazza bil-mixi. | |
| b. | Jake kien qed jgħin lil Stefan ifittex iċ-ċurkett. | |
| ċ. | Sieħeb in-narratur kien qed jieħu gost il-pjazza. | |
| d. | Il-ġurnata ta’ qabel, in-narratur kien mar il-pjazza. | |

**4.** Agħmel **sinjal** taħt it-twegiba t-tajba. (2 marki)

**a.** X'tip ta' emozzjoni kien hemm fil-pjazza?

Ferħ u divertiment. **jew** Bruda u nuqqas ta' interess.

**b.** Meta ġrat din l-istorja?

Kmienu filgħodu. **jew** Wara nofsinhar.

**5.** Fisser dawn l-espressjonijiet: (4 marki)

a. **Il-bixra ta' wiċċi** (par. 2):

---

b. **Fawra f'rasi** (par. 5)

---

**6.** Qabbel kolonna '**A**' ma' kolonna '**B**': (2 marki)

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| **1.** | In-narratur kien qed jiddejjaq imur | | ħass fawra f'rasu. |
| 2. | Qabel ma telaq mid-dar | **1.** | il-pjazza għax dejjem jara l-istess uċuh. |
| 3. | Malli waslu l-pjazza ndunaw li | | in-narratur bagħat messaġġ lil sieħbu. |
| 4. | B'dak li ra, in-narratur | | jitilqu minn ħdejn Stefan, Jake u Robert. |
| 5. | In-narratur u sieħbu xtaqu | | l-ħajja fil-pjazza kienet għadha l-istess. |

**7.** Kompli din is-sentenza: (2 marki)

In-narratur u sieħbu warrbu minn ħdejn Stefan, Jake u Robert meta raw li...

______________________________________________________________.

**8.** Taħseb li Stefan, Jake u Robert laqgħu lill-kittieb u lil sieħbu kif kien xieraq? Għaliex taħseb dan? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**9.** Taħseb li fil-jiem ta' wara, in-narratur għad jerġa' jmur sal-pjazza? Għaliex? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**IL-KITBA**

**A. Il-Grammatika.**

**1. Ħares lejn is-silta u ikteb għal min qed jirreferu l-ittri mmarkati b'linja taħthom.** (3 marki)

a) għaddejt għali<u>h</u> *(par.2)* l- <u>h</u> - qed tirreferi għall-________________________.

b) tiżreġ ġmiel<u>ha</u> *(par.4)* <u>ha</u> - qed tirreferi għax- ________________________.

c) beda jgħodd<u>hom</u> *(par.6)* <u>hom</u> - qed tirreferi għaċ-________________________.

**2. Oħroġ nom ieħor minn dawn in-nomi:** (2 marki)

| | |
|---|---|
| Ħruġ | |
| Xarba | |
| Sajjieda | |
| Ktieb | |

**3. Kompli dan id-djalogu billi tnissel verbi fl-Imperfett (preżent) mill-għerq li hemm fil-parentesi.**

(L-ewwel waħda maħduma bħala eżempju) (5 marki)

Owen: Kemm qed **taghmel** (għ-m-l) sħana llum!

*Martin*: Ilek xejn ma tmur ____________________ (għ-w-m)?

*Owen*: Ilni ngħid. Mela tridx ____________________ (m-w-r) flimkien sa Għajn Tuffieħa? X'____________________ (ħ-s-b)?

*Martin*: Jiena ____________________ (ħ-bb) immur il-Ġnejna, imma għalissa m'iniex biħsiebni ____________________ (m-w-r).

*Owen*: Mela qiegħed ____________________ (b-ż-għ) li ____________________ (ħ-ss) il-bard?

*Martin*: Int ma tafx kemm kont ma ____________________ (f-l-ħ).

*Owen*: Kollox sew. Mela meta ____________________ (f-j-q) sew, għidli. Saħħa għalik.

*Martin*: Iva, inċempillek biex ____________________ (f-h-m). Saħħa Owen.

**B. Ikteb messaġġ.** (3 marki)

Il-klassi tiegħek ħadet l-ewwel premju f'kompetizzjoni bl-isem 'XJENTISTI ŻGĦAR' li saret bejn il-klassijiet kollha tal-ħames sena. Alan, ħabib tiegħek minn klassi oħra bagħatlek messaġġ biex jifraħlek .



**Ikteb messaġġ ta' madwar 40 kelma lill-ħabib tieghek Alan biex twieġbu u tirringrazzjah tal-messaġġ sabiħ li għoġbu jibgħatlek. F'dan il-messaġġ tista' wkoll tgħidlu x'kien il-premju sabiħ li rbaħtu.**

**ALAN: Prosit tassew tal-proġett sabiħ li għamiltu int u sħabek tal-klassi. Kien xieraq li tirbaħ il-klassi tagħkom għax il-proġett tagħkom għoġob lil kulħadd. Jekk is-sena d-dieħla s-surmast jerġa' jorganizza attivita` bħal din ibqa' ċert li nagħmel minn kollox biex nirbħu l-ewwel post! ☺ Ċaw għalissa. Narak għada l-iskola.**

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

## Ċ. Il-Komponiment

Ikteb komponiment ta' madwar 120 kelma fuq **wieħed** minn dawn. Ikteb liema titlu se tagħżel billi tikteb in-numru fl-ispazju mogħti isfel.

**1. Qatt ma fraħt daqsekk f'ħajti!**

Tista' tagħti tagħrif dwar dawn il-mistoqsijiet li ġejjin biex jgħinuk fil-kitba tiegħek: Meta kien? Kemm kellek żmien? Fejn kont? Ma' min kont? X'ġara li ġiegħlek tifraħ daqsekk? Kif spiċċat l-istorja?

**2. Fil-bitħa tal-iskola.**

Tista' tagħti tagħrif dwar dawn il-mistoqsijiet li ġejjin biex jgħinuk fil-kitba tiegħek: Fejn tmur skola? X'attivitajiet isiru fil-bitħa? Ġieli ssir xi attivita` importanti? Waqt liema ħinijiet matul il-ġurnata tkun fil-bitħa flimkien ma' sħabek? Xi tħobb tagħmel l-aktar fil-bitħa tal-iskola tiegħek? Hemm xi affarijiet li tixtieq iżżid, tneħħi jew tibdel mill-bitħa tal-iskola?

**3. Iltqajt ma' monstru.**

Uża l-immaġinazzjoni tiegħek biex tikteb storja qasira dwar l-esperjenza li għaddejt minnha meta ltqajt mal-monstru. Tista' tgħid dan il-monstru minn fejn kien ġie. Fejn kont u ma' min kont meta ltqajt miegħu? Kif kienet id-dehra ta' dan il-monstru? X'għamilt int u x'għamel il-monstru meta ltqajtu? X'ġara fl-aħħar minn dan il-monstru?

**4. Ħares sewwa lejn din l-istampa. Ikteb storja sabiħa dwarha.**

Tista' tgħid min huma dawn it-tfal u fejn jinsabu? Dwar x'hiex qiegħdin jaqraw? Taħseb li qegħdin jieħdu gost? Għalfejn? X'taħseb li ġara qabel ma bdew jaqraw u x'taħseb li ġara wara?



Spazju biex tagħmel il-pjan tal-komponiment. (2 marki)

**Se nikteb fuq komponiment numru** : _____ (Ikteb **1**, **2**, **3** jew **4**) (15 –il marka)

**TMIEM IL-KARTA**